



*Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President*

4.2.2021

Is-Sur Cristian-Silviu Buşoi
President
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ((COM(2018)0436 – C8-0253/2018 – 2018/0225(COD))

Sur President,

Bl-ittra tas-7 ta' Jannar 2021¹, inti infurmajt lill-President dwar il-ftehim proviżorju bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar iż-żewġ proposti ta' Orizzont Ewropa u dwar it-tfassir tal-Artikolu 173(3) TFUE mill-bażi ġuridika tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018)436 final - 2018/0225 (COD))².

Bl-ittra tad-19 ta' Jannar 2021³, il-President irrefera l-kwistjoni tal-bidla proposta tal-bażi ġuridika lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali.

Il-kumitat eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq skont l-Artikolu 40 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament waqt il-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Frar 2021.

¹ D (2021) 157.

² COM(2018)436 final tat-30 ta' Novembru 2016.

³ D300232 tad-19/01/2021.

I - Kuntest

Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposti tagħha għal Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2021-2027, intitolat "Orizzont Ewropa" (il-"Programm Qafas")⁴ u l-programm speċifiku stabbilit mill-Proposta (il-"Programm Speċifiku") li jimplementa l-Programm Qafas, it-tnejn imsemmija hawn fuq.

Il-proposta kienet ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat relatati mal-politika industrijali u r-riċerka, jiġifieri l-Artikoli 173(3) u 182(4) TFUE. B'riżultat tal-kombinazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet, il-proposta kienet tinvolvi rikors għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. F'opinjoni legali tas-26 ta' Settembru 2018, is-Servizz Legali kkonkluda li l-Proposta, kif adottata mill-Kummissjoni, kienet ibbażata b'mod xieraq fuq bażi ġuridika konġunta.

Madankollu, matul in-negozjati interistituzzjonali qabel l-adozzjoni tal-ewwel qari tal-Parlament f'April 2019, iż-żewġ koleġislaturi qablu li jemendaw il-kontenut tal-Proposta b'mod sostanzjali. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill ippropona bidla tal-bażi ġuridika sabiex jibqa' biss l-Artikolu 182(4) TFUE bħala bażi ġuridika. Tali bidla timplika li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja ma tibqax tapplika peress li l-Artikolu 182(4) TFUE jipprevedi r-rikors għal proċedura leġiżlattiva speċjali, fejn il-Parlament jiġi kkonsultat biss.

Wara l-proposta tal-Kunsill, fid-9 ta' April 2019 it-tliet istituzzjonijiet kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-bidla proposta fil-bażi ġuridika, f'konformità mal-paragrafu 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.⁵ L-iskambju ta' fehmiet ġie konkluż billi t-tliet Istituzzjonijiet ftehm li jiġu introdotti bidliet sinifikanti għall-Proposta u dawn kellhom effett fuq id-determinazzjoni tal-bażi ġuridika.

Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-Proposta, filwaqt li kompli jinvoka l-istess bażi ġuridika tal-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva semmiet b'mod espliċitu li l-bażi ġuridika jkollha tiġi adattata fi stadju aktar tard tal-proċedura minħabba l-bidliet sinifikanti fit-test tal-Proposta, maqbula matul in-negozjati interistituzzjonali.⁶ Fl-istess data, il-Kunsill talab li jikkonsulta mal-Parlament. Il-bażi ġuridika tat-test li dwaru l-Parlament ġie kkonsultat kienet biss l-Artikolu 182(4) TFUE filwaqt li l-kontenut tiegħu jieħu kont tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.

II - L-Artikoli rilevanti tat-Trattat

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli tat-Trattat rilevanti għall-valutazzjoni tal-bażi ġuridika għall-programm speċifiku jaqraw kif ġej:

⁴ COM(2018)435 final tas-7 ta' Ġunju 2018.

⁵ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

⁶ P8_TA(2019)0396.

TITOLU XVII INDUSTRIJA

Artikolu 173
(ex Artikolu 157 TKE)

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu l-kondizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni.

Għal dan il-għan, f'konformità mas-sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tfittex li:

— tħaffef l-adattament tal-industrija għal bidliet strutturali,

— tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp tal-impriżi fi ħdan l-Unjoni kollha, partikolarment ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,

— tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi,

— tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku.

2. L-Istati Membri, għandhom jikkonsultaw ma' xulxin, b'konnessjoni mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tiegħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi dik il-koordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi li għandhom l-għan li jstabbilixxu linji gwida u indikaturi, li jorganizzaw l-iskambju tal-aħjar prattika, u li jħejju l-elementi meħtieġa għall-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament informat.

3. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-għanijiet kif stabbiliti fil-paragrafu 1 permezz tal-politika u l-attivitajiet li ssegwi skont dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jistgħu jiddeċiedu dwar miżuri speċifiċi b'appoġġ għall-azzjoni meħhuda fl-Istati Membri sabiex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, minbarra kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri.

Dan it-Titolu ma għandux iservi ta' bażi għall-introduzzjoni mill-Unjoni ta' xi miżura li tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew li jkun fiha dispożizzjonijiet fiskali jew dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet jew l-interessi tal-impjegati.

[...]

TITOLU XIX
RIĊERKA U ŻVILUPP TEKNOLOĠIKU U SPAZZJU

[...]
Artikolu 182
(ex Artikolu 166 KET)

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw programm qafas pluriennali, li fiha ikun hemm spjegati l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.

Il-programm qafas għandu:

— jistabbilixxi l-oġettivi xjentifiċi u teknoloġiċi li jridu jinkisbu permezz tal-attivitajiet li hemm previsti fl-Artikolu 180 u jiddetermina l-prioritajiet rilevanti,

— jindika l-linji ġenerali ta' dawk l-attivitajiet,

— jistabbilixxi l-ammont komplessiv massimu u r-regoli dettaljati applikabbli għall-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-programm qafas, kif ukoll id-diversi ishma f'kull attività prevista.

2. Il-programm qafas għandu jiġi adattat jew supplimentat skont kif tinbidel is-sitwazzjoni.

3. Il-programm qafas għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi speċifiċi żviluppati f'kull attività. Kull programm speċifiku għandu jiddefinixxi r-regoli dettaljati sabiex dan jiġi implimentat, tiġi stabbilita d-durata tiegħu u kif ukoll sabiex jiġu provduti l-mezzi li jitqiesu meħtieġa. It-total tal-ammonti li jitqiesu meħtieġa, stabbiliti fil-programmi speċifiċi, ma jistax jeċċedi l-ammont massimu totali stabbilit għall-programm qafas u għal kull attività.

4. Il-Kunsill li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali, għandu jadotta l-programmi speċifiċi.

5. B'mod komplementari għall-attivitajiet imfassla fil-programm qafas pluriennali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' żona ta' riċerka Ewropea.

III - Ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, l-għażla tal-bażi ġuridika għal att tal-Unjoni trid tissejjes fuq fatturi oġġettivi li huma suxxettibbli għal sħarriġ ġudizzjarju; dawn jinkludu l-għan u l-

kontenut tal-att ikkonċernat.⁷

Ir-rikors għal bażi ġuridika doppja huwa meħtieġ meta att ikun jikkonċerna żewġ elementi jew aktar marbuta b'mod inseparabbli li jirreferu għal bażijiet ġuridiċi differenti, li l-ebda wieħed minnhom ma jkun predominanti fuq l-ieħor - f'liema każ il-bażijiet ġuridiċi rilevanti jistgħu japplikaw b'mod kongunt⁸ jekk ikunu kompatibbli proċeduralment.⁹

Fl-istess ħin jekk miżura ssegwi żewġ għanijiet jew inkella jkollha żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.¹⁰

IV – Għan u kontenut tal-miżura proposta u analiżi u stabbiliment tal-bażi ġuridika xierqa

F'dak li għandu x'jaqsam mal-għan u mal-kontenut tal-miżura inkwistjoni, skont il-ġurisprudenza msemmija hawn fuq, jaqbel li jiġi nnutat li l-għan tal-Programm Speċifiku, kif jidher ċar mit-titolu tiegħu stess, huwa l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(1) tal-Proposta, il-Programm Speċifiku għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm Qafas.

F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 3(1) tal-Programm Qafas, l-oġġettivi ġenerali tiegħu huma, *inter alia*, li "... jsaħħaħ il-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni u jrawwem il-kompetittività tagħha [fl-Istati Membri kollha] inkluż fl-industrija tagħha [...]". Din il-formulazzjoni tiżvela t-trajettorji paralleli fil-Programm Qafas billi tiffoka kemm fuq ir-riċerka kif ukoll fuq il-kompetittività industrijali tal-Unjoni.

L-eżistenza ta' dawk iż-żewġ trajettorji hija riflessa wkoll fl-Artikolu 1(2) tal-Programm Qafas li jipprevedi li dak il-programm għandu jiġi implimentat permezz tal-Programm Speċifiku stabbilit bil-Proposta u kontribuzzjoni finanzjarja lill-EIT stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill (Ir-"Regolament EIT").¹¹

⁷ Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-6 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill, C-43/12, UE:C:2014:298, il-punt 29, u tal-14 ta' Ġunju 2016, il-Parlament vs il-Kunsill, C-263/14, UE:C:2016:435, il-punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata;

⁸ Ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, il-Kummissjoni vs il-Kunsill, C-165/87, EU:C:1988:458, il-punti 11-13; ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill, C-411/06, fuq in-nota f'qiegħ il-paġna 2 EU:C:2009:518, il-punti 46-47. ara s-sentenza tas-26 ta' Marzu 1996, il-Parlament vs il-Kunsill, C-271/94, UE:C:1996:133, il-punt 32. ara s-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill, C-178/03, EU:C:2006:4, il-punti 42-43; ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2008, il-Parlament vs il-Kunsill, C-155/07, EU:C:2008:605, il-punti 35-36.

⁹ Meta żewġ bażijiet ġuridiċi jew aktar ikunu japplikaw b'mod konġunt, iżda meta l-proċeduri stabbiliti fihom huma inkompatibbli, huwa eskluż li tiġi kompromessa l-effettività ta' kwalunkwe proċedura bl-applikazzjoni konġunta taż-żewġ bażijiet ġuridiċi. Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1991, il-Kummissjoni vs il-Kunsill "Titanium Dioxide", C-300/89, fuq in-nota f'qiegħ il-paġna 2, EU:C:1991:244, il-punti 19-20.

¹⁰ Il-kawża C-36/98, Spanja vs il-Kunsill [2001], EU:C:2001:64, il-punt 59; Il-kawża C-211/01, il-Kummissjoni vs il-Kunsill, [2003] EU:C:2003:452, il-punt 39; Il-kawża C-338/01, il-Kummissjoni vs il-Kunsill [2004], EU:C:2004:253, il-punt 55; Il-kawża C-94/03, il-Kummissjoni vs il-Kunsill [2006] EU:C:2006:2, il-punt 35; Il-kawża C-178/03, il-Kummissjoni Ewropea vs il-Parlament u l-Kunsill, [2006] EU:C:2006:4, il-punt 42.

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 097, 9.4.2008, p. 1).

F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li r-Regolament EIT huwa bbażat biss fuq il-bażi ġuridika industrijali tal-Artikolu 173(3) TFUE. Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni) (COM(2019)331 final - 2019/0151 (COD))¹² (ir-"Regolament il-ġdid tal-EIT") hija bbażata wkoll fuq l-Artikolu 173(3) tat-TFUE.

F'dan il-kuntest, irid jiġi osservat li l-bidliet ewlenin għall-Proposta introdotti matul in-negozjati interistituzzjonali kienu jikkonsistu fiċ-ċaqliq (i) tad-dispożizzjonijiet relatati mal-EIT mit-test tal-Proposta¹³ għal dak tal-Programm Qafas¹⁴ u (ii) tad-dispożizzjonijiet relatati mal-ħolqien tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (l-"EIC") għal dak tal-Programm Qafas¹⁵.

Fir-rigward tal-EIT, il-missjoni tiegħu kif deskritta fl-Artikolu 3 tar-Regolament EIT il-ġdid hija "li jikkontribwixxi għal tkabbir u kompetittività ekonomika sostenibbli fl-Unjoni bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri". Huwa għandu jagħmel dan billi "jrawwem l-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u innovazzjoni — madwar l-Unjoni".

Din il-missjoni tiżvela li l-EIT għandu l-għan li johlq pont bejn l-industrija, l-edukazzjoni għolja u r-riċerka bl-iskop li jsaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku fl-Unjoni. Dan l-objettiv jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-objettiv li "tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku." ipproklamat fl-Artikolu 173(1) TFUE u biex jintlaħaq dan l-għan l-Artikolu 173(3) jistipola l-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Dan huwa wkoll l-objettiv iddikjarat skont l-Artikolu 173(3) TFUE fin-nota spjegattiva għall-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament tal-EIT il-ġdid.

Ir-rabta bejn l-EIT u l-element industrijali tal-Proposta — u l-Programm Qafas għal dik il-kwistjoni — tintwera wkoll permezz tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm Qafas. B'mod partikolari, il-paragrafu 2 ta' dak il-Memorandum jiddikjara li l-EIT inħoloq abbażi tat-titolu "Industrija" tat-TFUE.

Barra minn hekk, kif indikat fil-paragrafu 14 hawn fuq, il-Proposta oriġinarjament kienet tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment tal-EIC. L-EIC, skont l-Artikolu 9 tal-Proposta, għandu l-għan li jimplementa azzjonijiet taħt il-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" ta' Orizzont Ewropa. F'dak ir-rigward, huwa l-uniku mezz biex jinkiseb l-appoġġ tal-Unjoni għall-innovazzjoni rivoluzzjonarja li toħloq swieq ġodda skont il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Proposta. L-għan tal-EIC li jstimula l-innovazzjoni li toħloq swieq ġodda huwa għalhekk karatteristika li taqa' taħt l-aspett industrijali tal-Proposta f'dak kollu li għandu x'jaqsam mat-trawwim ta' sfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politika tal-innovazzjoni kif stipulat fil-bażi ġuridika industrijali tal-Artikolu 173(3) TFUE b'relazżjoni mal-Artikolu 173(1) TFUE.

Madankollu, fit-test li dwaru qed tintalab il-konsultazzjoni tal-Parlament, li jirriproduċi l-bidliet maqbula matul in-negozjati interistituzzjonali u li huwa rifless fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, il-kliem tal-Artikolu 9 tal-Proposta tħassar u tmexxa għat-test tal-

¹² COM(2019)331 final tal-11 ta' Lulju 2019.

¹³ Ara l-Parti 3 tal-Anness tal-Proposta.

¹⁴ Ara l-Anness Ia tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari dwar il-Programm Qafas (P8_TA (2019)0395).

¹⁵ Ibidem, l-Artikolu 7a.

Programm Qafas (ara l-paragrafu 14 hawn fuq).

Il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq eventwalment juru li bit-tmexxija tad-dispożizzjonijiet kollha tal-EIT u tad-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment tal-EIC mill-Proposta lejn il-Programm Qafas, inbidel il-kontenut tal-Proposta b'mod sostanzjali. B'riżultat ta' dan, l-objettiv industrijali inkorporat mid-dispożizzjonijiet tal-EIT u mid-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment tal-EIC ma għadux preżenti f'tali miżura li jkun jiġġustifika il-konklużjoni li l-Proposta ssegwi żewġ objettivi marbuta b'mod inseparabbli li jimmerita l-użu ta' bażi ġuridika doppja.

Fl-istess ħin, kif iddikjarat fl-opinjoni tas-Servizz Legali tas-26 ta' Settembru 2018¹⁶, huma preċiżament l-elementi marbuta mal-innovazzjoni fil-Proposta li għustifikaw l-invokazzjoni tal-Artikolu 173 TFUE u, konsegwentement, l-użu ta' bażi ġuridika doppja.

Abbażi ta' dan, ta' min ifakkar li skont il-ġurisprudenza stabbilita sew u msemmija fil-paragrafu 9 hawn fuq, il-bażi ġuridika għandha tirrifletti d-dispożizzjoni relatata mal-objettiv predominanti segwit minn dak l-att.

F'dan il-każ, jista' jiġi konkluż li, għall-kuntrarju tal-Proposta, kif adottata mill-Kummissjoni, li b'mod korrett invokat bażi ġuridika doppja, fit-test li dwaru l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill fis-17 ta' April 2019 ma għadx hemm dispożizzjonijiet li jiġġustifikaw l-invokazzjoni tal-Artikolu 173(3) TFUE.

It-test maqbul b'mod proviżorju bejn il-koleġislaturi għall-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jinvoka l-Artikolu 182(4) TFUE, li jaqa' taħt it-Titolu XIX, "Riċerka u żvilupp teknoloġiku u spazju" u jipprevedi li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta l-programmi speċifiċi. Il-bażi ġuridika doppja, kif proposta mill-Kummissjoni, ma nżammix u t-tneħħija tal-Artikolu 173(3) TFUE ġiet għalhekk ikkunsidrata xierqa matul in-negozjati interistituzzjonali u l-Artikolu 182(4) TFUE waħdu tqies bħala l-bażi ġuridika xierqa biex jiġi stabbilit il-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Fid-dawl tal-għan u l-kontenut tal-proposta, li għandha l-għan li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jidher li l-għan ewlieni tad-deċiżjoni proposta, kif emendata mill-Parlament u mill-Kunsill, huwa li tiddefinixxi l-objettivi operazzjonali u l-attivitajiet li huma speċifiċi għal partijiet ta' Orizzont Ewropa.

VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni

Minn dak kollu li ntqal aktar 'il fuq jirriżulta li b'riżultat għall-bidliet maqbula matul in-negozjati interistituzzjonali għall-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [COM(2018)0436], dik il-proposta tista' tiġi adottata abbażi tal-Artikolu 182(4) TFUE biss.

¹⁶ Il-paragrafu 19 tal-opinjoni tas-Servizz Legali tas-26 ta' Settembru 2018.

Għaldaqstant, fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Frar 2021, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda, bi 22 vot favur, l-ebda vot kontra u astensjoni waħda¹⁷, ikkonkludi li b'riżultat tal-bidliet maqbula matul in-negozjati interistituzzjonali għall-proposta tal-Kummissjoni għal deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-proposta tista' tiġi adottata abbażi tal-Artikolu 182(4) TFUE biss.

Fl-istess ħin, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jiddispijaċih li ma ġiex ikkonsultat aktar kmieni fil-proċess dwar din il-kwistjoni tal-bidla tal-bażi ġuridika u ġentilment jissuġġerixxi li huwa idoneju jekk fil-futur ikun jista' jiġi involut fil-valutazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni ta' dan it-tip li tqum matul proċedura leġislattiva.

Dejjem tiegħek,

Adrián VÁZQUEZ LÁZARA

¹⁷ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President), Marion Walsmann (Viċi President), Ibán García Del Blanco (Viċi President), Raffaele Stancanelli (Viċi President), Axel Voss (rapporteur għal opinjoni), Manon Aubry, Geoffroy Didier, Andrzej Halicki, Angel Dzhambazki, Jean-Paul Garraud, Esteban González Pons, Heidi Hautala, Mislav Kolakušić, Gilles Lebreton, Antonius Manders, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Emil Radev, Franco Roberti, Marcos Ros Sempere, Nacho Sánchez Amor, Ernő Schaller-Baross, Raffaele Stancanelli, Stéphane Séjourné, Marie Toussaint, Tiemo Wölken, Lara Wolters and Javier Zarzalejos.